



## **Statistika ġudizzjarja 2010: il-proċeduri preliminari qatt ma ġew ittrattati daqshekk malajr**

*Fl-istess ħin, in-numru ta' kawżi mressqa kompli jikber u din is-sena laħaq ċifra mingħajr preċedent*

Matul l-istorja kollha tal-istituzzjoni, qatt ma kienu tressqu daqstant kawżi quddiem it-tliet qrati tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: din is-sena tressqu 1 406 kawża. Din iċ-ċifra tixhed iż-żieda kostanti fil-volum tal-kawżi tal-Unjoni. Għandha tiġi enfasizzata wkoll tendenza oħra qawwija fl-2010: it-tnaqqis globali tat-tul tal-proċeduri.

### **Il-Qorti tal-Ġustizzja**

Fl-2010 tressqu 631 kawża ġdida quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li tirrappreżenta żieda kbira ħafna meta mqabbla mal-2009 (562 kawża) u tikkostitwixxi l-ikbar numru ta' kawżi mressqa fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja. Is-sitwazzjoni tibqa' l-istess fir-rigward tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari. In-numru ta' kawżi preliminari mressqa din is-sena huwa l-iktar għoli għat-tieni sena konsekuttiva, li qatt ma ntlaħaq u, meta mqabbel mal-2009, żied b'27.4 % (385 kawża fl-2010 kontra 302 kawżi fl-2009).

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet 574 kawża fl-2010, li tirrappreżenta tnaqqis żgħir meta mqabbel mas-sena preċedenti (588 kawża konkluża fl-2009).

Fir-rigward tat-tul tal-proċeduri, l-istatistika hija pożittiva ħafna. B'hekk, f'dak li jirrigwarda r-rinviji preliminari, dan it-tul jammonta għal 16.1 xahar. Evalwazzjoni komparattiva turi li, għall-perijodu kollu li għalih il-Qorti tal-Ġustizzja tidisponi minn statistika affidabbli, it-tul medju ta' trattament tal-kawżi preliminari laħaq l-iktar livell baxx tiegħu fl-2010. Fir-rigward tar-rikorsi diretti u tal-appelli, it-tul ta' trattament medju kien rispettivament ta' 16.7 xahar u ta' 14.3 xahar (kontra 17.1-il xahar u 15.4-il xahar fl-2009).

### **Il-Qorti Ġenerali**

Minn perspettiva statistika, l-2010 kien ikkaratterizzat minn diversi tendenzi. L-ewwel waħda hija ż-żieda qawwija fin-numru ta' kawżi mressqa, li għaddiet minn 568 (fl-2009) għal 636 (fl-2010), livell li qatt ma kien intlaħaq sa dak iż-żmien. It-tieni tendenza hija ż-żamma ta' numru ta' kawżi konklużi, ħafna iktar minn 500 (527 kawża konkluża). Madankollu, dan ir-riżultat ma kienx biżżejjed sabiex iwaqqaf iż-żieda fil-kawżi pendenti, li kienu laħqu 1300 fil-31 ta' Diċembru 2010. It-tielet tendenza tikkonċerna t-tul tal-istanza, li huwa kriterju ta' evalwazzjoni essenzjali għall-attività ġudizzjarja. Minħabba l-enfasi li tpoġġiet fuq it-trattament mħaffef tal-kawżi, dan it-tul naqas b'mod sinjifikattiv, b'2.5 xahar bħala medja (minn 27.2 xahar fl-2009 għal 24.7 xahar fl-2010). Dan it-tnaqqis jidher ħafna iktar f'dak li jirrigwarda l-kawżi konklużi permezz ta' sentenza fl-oqsma li jinsabu, wara l-ħolqien ta' din il-qorti, fil-qalba tal-kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali – jiġifieri l-oqsma differenti mill-

appelli u l-proprjetà intelletwali – li għalihom ġie rreġistrat tnaqqis ta' iktar minn seba' xhur fit-tul tal-istanza

### **It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku**

L-istatistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku turi żieda kbira fin-numru ta' kawżi mressqa fl-2010 (139, kontra 113 fl-2009).

Min-naħa l-oħra, in-numru ta' kawżi konklużi (129) huwa inqas minn dak tas-sena l-oħra (155).

In-numru ta' kawżi pendenti rreġistra żieda żgħira meta mqabbel mas-sena l-oħra (185 fil-31 ta' Diċembru 2010 kontra 175 fil-31 ta' Diċembru 2009). It-tul medju tal-proċedura wkoll irreġistra żieda (18.1-il xahar fl-2010 kontra 15.1-il xahar fl-2009).

Madankollu, ma jidherx li dawn iċ-ċifri juru tendenza strutturali.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*